MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 98/2009

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Joseph Xerri ta' 27 sena, iben Paul u Nancy nee' Camilleri, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar it-23 ta' Marzu 1984, residenti fil-fond numru Xerri House, Triq il-Kuncizzjoni, Qala u detentur tal-karta ta'l-identita' 16484(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Xerri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli gewwa r-Rabat (Ghawdex), f'dawn il-Gzejjer, gewwa Pjazza JF Kennedy il-14 ta' Novembru 2009, ghal habta ta'l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu (0345hrs), minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Xerri (ID 16484G) f'periklu car

ikkagunalu ferita ta’ natura gravi billi tah daqqiet b’oggett iebes (flixkun) lil imsemmi Paul Xerri f’wiccu.

Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura gravi lil Paul Xerri (ID 11862G) skond ma ccertifika Dr. M Refalo MD.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Jannar 2010 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tal-akkuzi jidher illi z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma identici billi l-imputat jinsab akkuzat biss bir-reat tal-offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ Paul Xerri.

Illi mill-provi li jinsabu fl-atti jirrizulta illi nqala’ incident bejn l-imputat u l-parti leza Paul Xerri tant illi l-prosekuzzjoni inizjat proceduri kriminali fil-konfront tat-tnejn li huma. Illi l-Qorti madanakollu ma ghandha l-ebda prova dwar dak li sehh realment fl-incident billi hadd minn dawn it-tnejn minn nies ma jixhdu fil-proceduri. Illi l-vittma u cioe’ Paul Xerri jiddikjara illi kien ser jaghzel li ma jixhidx u dana sabiex ma jinkriminax ruhu peress illi hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu in konnessjoni ma’ dana l-incident[1]. Illi lanqas ma jidher illi kien hemm xi xhieda okulari indipendenti li setghu jirrakontaw id-dinamika tal-incident. Illi ghalhekk l-uniku prova li hemm fl-atti hija r-rapport[2] li ttiehed *a tempo vergine* mill-ufficjali li kienu qed jinvestigaw l-incident u cioe’ lis-surgent 1326 u s-surgent

[1] Ara verbali a fol.31 u 34
[2] Ara rapport Dokument A a fol. 7 et. Seq.

676 u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[3]. Minn hawn johorgu zewg verzjonijiet konfliggenti ghaliex filwaqt illi l-imputat jikkontendi illi kien Paul Xerri li aggredieh, minn naha l-ohra dana Paul Xerri jipponta subajgh lejn l-imputat bhala l-persuna li hebb ghalih minghajr ebda raguni.

Illi fi kwalunkwe kaz mill-verbal tas-17 ta' Frar 2011[4] jidher illi Paul Xerri, il-parti leza hafer lill-imputat ghall-akkadut billi minn dak li gie mistqarr fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, jidher illi dawn it-tnejn minn nies issorvolaw id-divergenzi li kien hemm bejniethom.

Rinfaccjata ghalhekk b'dawn il-provi, il-Qorti tistqarr illi ma tistax tasal ghal sejbien ta' htija kontra l-imputat billi l-provi li jinsabu fl-atti ma jistghux iwasslu ghal kundanna tal-imputat lil hinn minn kull ombra ta' dubbju.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba il-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Ara stqarrija Dokument B a fol.11 et. Seq.
[4] Verbal a fol.31